## It-Tieni Taqsima — IMĦABBA

# XI GMIEL TA' REBBIEGĦA!

Xi ġmiel ta' Rebbiegħa!

Marija ġejja ura minn fuq l-għajn tagħha bil-ġarra tal-ilma fuq rasha, b'bukett ta' anemoni ħomor u ta' margariti sofor fi ħdanha l-leminija biex iżżejjen darha. Kellha ġibda mhix ċkejkna għall-ward tal-egħlieqi. F'dik il-għodwa ħelwa kienet tħoss lilha nnifisha aktar ferħana minn jiem oħra; kull ħlejqa ta' madwarha kienet donnha tinstama' tgħanni u tfaħħar lill-Ħallieq. Is-siġar tal-lewż ta' quddiem il-għar fejn kienet tgħammar kienu diġà mtlew b'ward abjad silġ imberfel qisu b'tiċpis ta' lewn roża, u bin-naħal madwaru jittajjar u jżanżan minn fuq warda għal oħra, ifittex jerdagħlhom il-qalba bnina tagħhom biex iroddha f'għasel u jaħżinha għax-xitwa. Żewġ griedel tal-ewwel imħabba fuq siġra tar-rummien kienu jsellmu l-qawmien ta' dak il-jum b'għanja hekk ħelwa, li ebda mħarreġ fid-daqq ta' vjolin m'għandu ħila jxebbaħha. U n-nida għodwija fuq il-ħxejjex tar-raba jħaddar kienet qiegħda tinxtorob mill-ewwel bewsa tax-xemx dejjem tielgħa.

Xi ġmiel ta' Rebbiegħa!

U Marija, donnha wkoll imqanqla u mistiedna, bdiet titlob, tgħanni:

O Mulej, Mulej tagħna,
kemm hu kbir u tal-għaġeb Ismek
fuq kollha kemm hija l-art!

Għax il-kobor tiegħek ogħla
mis-smewwiet.
Minn fomm it-tfal u ż-żgħar
għandek kull tifħir minkejja l-għedewwa,
biex teqred 'l għadu u 'l min ma jaħfirx.

U jiena nħares u naħseb fis-smewwiet,
xogħol tas-Setgħana Jdejk,
il-qamar u l-kwiekeb li hemm Int qegħidt.

X'inhu qatt il-bniedem,
li Int tiftakar fih?
Jew bin il-bniedem, li Int iżżur?
Għamiltu ftit anqas mill-Anġli,
għanejtu bil-glorja u bil-ġieħ:
u qegħidtu fuq l-emejjel ta' Jdejk.

Qefġed il-ħwejjeġ kollh ataħt riġlejh.
In-ngħaġ u gniedes kollha kemm huma
u wkoll il-bhejjem tax-xogħol.
L-għasafar li jittajrru u l-ħut tal-baħar,
li jiġġerre wfil-mogħdijiet tal-ilmijiet.

O Mulej, Mulej tagħna,
kemm hu kbir u tal-għaġeb Ismek
fuq kollha kemm hija l-art!

Kienet għadha kemm temmet Marija l-għana ħlejju tas-Salm VIII, għarkobbtejha ub'idejha tgħatti wiċċha jiddi b'dawl tas-Sema sabiex taħbi demgħa ta' ferħ, li ġejja minn qalbha mimlija u trid tixkatta bl-imħabba Xewqa mill-aktar imħeġġa, f'dak il-ħin, kienet tgħafsilha qalbha li ġġiegħel 'il-bnedmin iħossu u jġarrbu minn dak il-ferħ tar-ruħ għall-ħsieb tal-kobor t'Alla fil-ħolqien u, l-iżjed, għall-ħolqien tal-bniedem.

Fit-telfa ta' dik l-imħabba, Marija sabet ruħha b'ġisimha għarkobbtejha u b'rasha tmiss mal-art fil-qiegħ tad-dejra, imma b'ruħha mtajra fis-Sema.

Xi ġmiel ta' Rebbiegħa!

Il-ħlejjaq fuq l-art donnha jaqbżu ferrieħa f'għors kbir, iżda wkoll is-Sema donnu qiegħed f'festa barra minn drawwa. Hemm fuq, fejn id-deħen u l-għerf tal-bniedem xejn ma jistgħu jifhmu, l-Ogħla, li kien wera lilu nnifsu lill-bniedem bil-kliem mal-Patrijarki u mal-Profeti u, fil ħniena u fit-tieba bla tarf tiegħu, kien farraġ lill-bnedmin bil-wegħda tal-Feddej, f'dak il-ħin ta' dik ir-Rebbiegħa li qatt ma jintesa, l-Ogħla, imqanqal minn tjubitu u ħninietu, refa' u ħeles mill-jasar mistħoqq lill-bniedem midneb.

L-Iben t'Alla, il-Verb, li Hu s-sura divina ħaġa waħda ma' Missieru u li b'att ta' tieba, imħabba u karità ta' bla tarf *ab aeterno* kien indaħal biex irodd lill-Ħaqq tal-Mulej offiż mill-bniedem u jerfa' lill-istess bniedem mill-jasar ta' Luċifru, f'dak il-ħin kien se jagħti bidu għall-Missjoni iebsa imma feddejja tad-dinja.

L-Arkanġlu Gabriel, messaġġier tal-Ogħla, li drabi oħra kien mibgħut iwassal fuq l-art aħbarijiet lill-Patrijarki u lill-Profeti, din id-drba niżel għand is-sbejħa Xbejba ta' Nazzaret fl-kħamara fqajra tagħha jħabbrilha "l-BXARA l-KBIRA" li l-ħin solenni wasal li ssir l-għaqda bejn Dak li Hu bla qies u dak li hu meqjus, il-laqgħa ta' Alla-Ħallieq mal-ħlejqa Tiegħu, u se tingħata l-bewsa tas-Sema Feddej lill-art maħruqa bil-hemm u n-niket tal-imsejkna bnedmin.

Ħabbrilha Gabrieli, lil Marija x-xbejba safja ta' ebda ħtija, il-bxara, it-tmiem tal-Wegħda Divina għall-qagħda tar-realtà; l-għejbien tar-Rabta l-Qadima, tal-istorja tal-ġrajja tal-jasar, u l-bidu tar-Rabta l-Ġdida, l-istorja tal-imħabba u karità.

Xi ġmiel ta' Rebbiegħa!

Wara l-mewt li daħlet bid-dnub, Adam, Missier il-Bnedmin, iqum mill-mewt għall-ħajja ġdida, jgħix ħieni f'REBBIEGĦA ĠDIDA.

P.S.S.O.F.S.